# EJJA REBBIEGħA EJJA APRIL

**Ta' Pawlu Mifsud**

Ejja Rebbiegħa,
Ejja April,
Tixtieqkom qlubna
Ilha żmien twil;
Ejja maħbuba
W ġib lill-maħbub,
U ferrħu naqra
L-imsejkna qlub.

Keċċulna x-xitwa,
Ħarrbu 'l Jannar,
Taffulna l-kesħa,
Waqqfulna l-qtar;
Libbsulna s-sema
B'lewn ikħal nir,
U l-art żejnulna
Bl-ifjen ħarir.

Ferrxu fl-egħlieqi
Twapet ħadrana,
Imlew il-ġonna
Bil-ward ħamrana;
Iksu lis-siġar
B'werqiet tarjin,
U roxxu fuqhom
Il-ġawhar fin.

L-għasfur oħorġu
Minn ġol-bejtiet
Biex jibda jinseġ
L-isbaħ għanjiet;
Ħalluh jittajjar
Ma' kullimkien
Qisu bla sabar,
M'għandux waqfien

Lill-baħar kiesaħ,
Li f'daw' x-xahrejn
Qagħ'd biss jitfarrak
Mal-blat għalxejn,
Ġibulu l-għeja,
Tħalluhx imqit
U bix-xemx sħuna
Fittluh xi ftit.

Ġiegħlu liż-żiffa
Biex kull fl-għaxija
Tmur tmellsu naqra
X'ħin kollu dija
Ikun qed jongħos
Taħt qamar sħiħ,
Biex il-qlub safja
Jitgħaxxqu bih.

Nibbtu l-imħabba
Fil-qlub mill-ġdid,
Fil-qlub miġnuna
Li tifraħ trid;
U sebbħu sewwa
'Il-ħolm tal-ħajja,
Tħallux in-niket
Fuq l-art jissajja.

Tħallux dmugħ iżjed,
Tħallux ħsieb tqil;
Ferħ biss irridu
U għomor twil.
Ejjew imbissma
Fid-dinja tagħna,
April, Rebbiegħa,
W oqogħdu magħna.



# REĊENSJONIJIET

George Stevens: **WAQTIET**, pagni 77, Union Press, Valletta, 1969.

**WAQTIET** tagħtina ġabra ta' "sehem ċkejken", fi kliem l-Awtur, ta' Essays. Il-werrej iwegħedna sebgħa-u-għoxrin essay f'firxa ta' sebgħa-u-sebgħin paġna ta' tipa ċar, għalkemm xi ftit żgħira. Illum, f'Malta min jindahal sabiex jitgħabba jħallas minn butu xi xogħol letterarju jsib ma' wiċċu toqol ta' spejjeż qishom ma jispiċċaw qatt. Għalhekk, wieħed ma jistax joqgħod jagħżel tipa li tiekol il-paġni ma tafx kif. Hi x'inhi, it-tipa pulita ħafna, bħalma huwa l-bqija tal-ktieb.

Nixtieq ingħid Prosit minn qalbi lill-Awtur, is-Sur George Stevens, għad-dehra sabiħa tal-ktieb. Jidher li l-Awtur ħela l-ħsieb u l-għaqal dwar id-dehra jew il-libsa teknika. Il-qoxra fiha disinn tas-Sur Mario Azzopardi. Id-disinn jogħġobni għax oriġinali u estetikament f'waqtu ħafna, kif ukoll is-siġra u dawk iċ-ċrieki ta' qisien wieħed mhux bħall-ieħor għandhom ilkoll x'jaqsmu mas-suġġett tal-ktieb: ġabra ta' ħsebijiet bħallikieku ta' xejriet, bixra, sura u qawwa, wieħed jingħażel mill-ieħor u lkoll marbutin ma' min weledhom. Id-daqs u s-sura tal-kliem estetikament ipaxxu lill-għajn, kif ukoll il-lewn aħdar pastel huwa lewn għażla ta' artista. Id-dahar ukoll maħdum bil-għaqal, bis-sena u bil-gost artistiku. It-tqassim u d-daqs tat-tipa ma fihom x'timmanka xejn. Il-ħsieb li jidher ritratt u kelmtejn dwar l-Awtur huwa ħsieb xieraq u għada pitgħada mal-mogħdija tas-snin wieħed jintebaħ kemm tiswa dokumentazzjoni rżina ta' dil-għamla. Barradan, tgħaddi idek fuq il-qoxra, tħossha tiżloq u hekk il-qoxra ma tiġborx għabra u għakar: din hija fehma moderna u naqbel magħha. F'kelma, issib f'idek ktieb jiġbdek, teknikament u estetikament f'waqtu, u jista' joqgħod spalla ma' spalla ma' xogħol ta' djar ewropej. Meta tiftakar li f'Malta dak li barra jidħlu għalih tużżana nies, hawn irid jagħmlu bniedem wieħed, tifhem kemm trid taqlagħlu l-kappell lill-Awtur.

L-Awtur lestielna "Kelmtejn fil-Qosor" bħala daħla. Qalilna bix-xewqa tiegħu li jiġbor "fi ktieb sehem ċkejken mill-essays tiegħi, għax kont imħajjar mhux ftit minn għadd sewwa ta' kittieba ħbieb tiegħi" u "qiegħed hawnhekk noffri lill-qarrejja, ħbieb tal-Malti, xi ftit minn dak li ktibt li fil-fehma tiegħi, hu ta' xi preġju". Għażel dak li huwa, deherlu l-aħjar u ssokta: "Nittama li b'dan il-ktieb nimla vojt fil-qasam tal-letteratura Maltija." L-Awtur stqarr li huwa jittama li, "dan l-isforz fqajjar tiegħi, ikun ta' xi fejda għall-istudenti ta' l-Iskejjel Sekondarji waqt li jkunu jħejju għall-eżamijiet." Nawgurawlu lill-Awtur li l-ħsieb tajjeb li x-xogħol u l-ispejjeż li daħal għalihom, jiswew ta' ġid bħalma jixtieqhom huwa.

Il-ġabra fiha sebgħa-u-għoxrin essay u jidher li l-Awtur xtaq jagħmel bħall-qawsalla: jagħtina togħmiet u dehriet waħda magħżula mill-oħra bħalma hija l-ħajja. Issib tifkiriet bħal essay, 'Ruma Bil-Lejl', taħdit fl-essay, 'L-Ilsien Malti'; ġirja ta' ħsebijiet fl-essay, 'Fantasija', 'Dwalijiet', 'L-Ikħal'.

L-essay, minnu nnifsu, huwa mera jew imissu jkun mera tal-awtur innifsu. Għalhekk, bħall-pittura, skultura u kull xogħol artistiku ieħor, tidħol l-għażla tiegħek u tiegħi. Nistgħu naqblu u nistgħu ma naqblux f'dak li għandek xi